# REBBIEGĦA

*Il-qniepen iċemplu ferrieħa fil-bogħ'd*
*mal-mewġa taż-żmien,*
*w jaħarbu bħall-ġwienaħ tal-pari ħamiem*
*man-nifs tal-ħolqien...*

*Ix-xemx li titberfel fin-nisġa tas-snin*
*u ssaħħan l-uċuh,*
*ħarġitli dal-għodu bil-qfieli tal-friefet*
*li xxenglu bħal qlugħ...*

*U l-warda ta' Mejju ġe fommha bis-satra*
*tan-nida ħanin,*
*inxtegħlet bil-ħmura li xxettel egħruqha*
*fil-qlub tal-bnedmin...*

*L-egħlieqi miżgħuda bis-sbula tad-deheb*
*li tmewweġ sabiħ,*
*bħal sider fil-filġa tal-hena jod-dmugħ*
*li jġelben qatigħ...*

*Rebbiegħa, Rebbiegħa, qed tfesdaq ma' dwari*
*fil-ħarba tal-jiem,*
*rebbiegħa, rebbiegħa, qed tfawwar ġe sidri*
*li tisboq il-kliem:*

*U tikber u togħla u tkattar żgħużitha*
*bħal ġamra tan-nar;*
*rebbiegħa ta' hena żagħżugħa li timla*
*kull rokna ta' għar.*

*Hawn hena fil-qawwa li tinbet ġe qalbi*
*u traxxax ma' demmi...*
*hawn hena ta' kwiekeb li jiftaħ 'l għajnejja*
*bħal ħarset il-ġemmi...*

*Hawn minġel is-setgħa fir-raqda tal-ħlewwa*
*bħal bennet il-qiegħa;*
*hawn minġel is-setgħa ta' leħħ t'idijali*
*li jkebbsu dis-siegħa!*

*Rebbiegħa, rebbiegħa, qed tfesdaq ma' dwari*
*Fil-ħarba tal-jiem,*
*rebbiegħa, rebbiegħa, qed tfawwar ġe sidri*
*li tisboq il-kliem:*

*U sirt donni ħalla fil-baħar imqalleb*
*bir-rakkmu miksija,*
*li tiġri u titħannen ma' l-erbat irjieħ*
*fid-dawl tat-tgawdija!*

W. GULIA,
(*Stud. Kors Akkad. tax-Xjenza*)